**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Oriana Spiteri)**

**vs**

**Radley Agius**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Frar 2020 - migjuba kontra:

   Radley Agius ta' 36 sena imwieled gewwa l-Pieta nhar it-30 ta' Dicembru 1982, iben Francis u Martina nee' Scerri u residenti gewwa 18, Fuq Verdala, Bormla, karta tal-identita numru 50983M

   Akkuzat talli nhar is-16 ta' Lulju 2019 ghall-habta ta' bejn 12:00hrs u 12:30hrs gewwa Triq il-Gendus Bormla u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja fil-perilu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Patrick Rice, u dan ai termini tal-Artikoli 214, 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkuza fil-mori tal-kawza kontra Radley Agius a beneficju ta' Patrick Rice u familjari tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmi Radley Agius sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-13 ta' Novembru 2020 fejn deherlu li tista tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(c)(d)(2) u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C 412D, 532A, 532B, 533 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigi trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u d-difiza.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

(i) Nhar is-16 ta' Gunju 2019 ghal habta ta' nofs-siegha ta' wara nofs-in-nhar (1230hrs), il-Pulzija tal-Ghassa ta' Bormla gew nfurmati li kien hemm argument fi Triq il-Gendus Bormla. Meta l-Pulizija accedew fuq il-post innutaw ragel li kellu xi griehi vizibbli u guvni qed jassistih. Dan ir-ragel kien Patrick Rice, u l-guvni kien Brandon Rice, it-tifel tieghu.

(ii) Mill-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija irrizulta li dawk l-ahhar jiem, Patrick Rice kien qed jilmenta li qed jidhollu d-drenagg fil-propjeta tieghu fi Triq il-Gendus mill-proprjeta ta' Jessie Fenech, li qieghda iktar il-fuq fl-istess triq. Din hi t-triq hija ghat-telgha u hija mtarga.

(iii) Dak in-nhar tal-incident Rice rega' mar fir-residenza ta' Jessie Fenech jilmenta mid-dhul ta' dan id-dranagg. Dak il-hin fir-residenza, kien hemm Jessie Fenech, bintha Francesca Saveria Fenech Taylor u l-partner taghha Clayton Cassar. Il-partijiet taw verzjonijiet differenti ta' x'gara. Li hu cert hu li l-argument eskala ghal wiehed fiziku. Rice jghid li Clayton Cassar aggredih b'lasta ta' xkupa, fil-waqt li Cassar jghid li kien Rice li beda jtih bil-ponn.

(iv) Fil-maisonette sovrastanti ghal dik ta' Jessie Fenech, toqghod bintha Manuela Fenech u l-partner taghha, l-imputat. Jidher li meta semghu l-ghajjat u raw lil Rice u Cassar jiggieldu, dawn nizlu isfel, u hargu fit-triq. Rice jghid li l-imputat imbuttah u xkanah it-tarag tat-triq l-isfel. Min-naha lohra, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li huwa beda jimbutta lit-tnejn li huma biex iferraqhom.

(v) Konsegwenza ta' dan l-incident, Rice sofra diversi griehi, fosthom inkiser subajgh iz-zghir ta' idu l-leminija, ferita ta' natura gravi.

(vi) Clayton Cassar gie iccertifikat li sofra griehi ta' natura hafifa.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

<u>*L-Eccezzjoni Preliminari dwar in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali*</u>

7. Ghalkemm din l-eccezzjoni gie moghtija bhala l-ahhar eccezzjoni, bla pregudizzju u subordinata ghas-sottomissjonijiet l-ohra fil-meritu, din il-Qorti hija tal-opinjoni li logikament hija ghandha tikkunsidra l-ewwel din l-eccezzjoni.

8. Fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali inkluda l-Artikoli 218(1)(a)(b)(2) tal-Kodici Kriminali. L-imputat jissottometti li l-Avukat Generali ma setghax jaghmel dan, ghax fic-citazzjoni originali, l-imputat gie akkuzat biss li ikkaguna feriti ta' natura gravi lil Patrick Rice, ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant, il-kumpilazzjoni saret a bazi ta' dawn iz-zewg artikoli tal-Kodici Kriminali, u ma saritx ukoll a bazi tal-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

9. M'hemmx dubbju li l-imputat ghandu ragun f'dan ilment tieghu. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza fis-7 ta' Dicembru 2001, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk:

*"Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. … … Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill-*

[1] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`."*

10. Ghaldaqstant, la darba l-kumpilazzjoni fil-kaz odjern ma saritx ukoll ghar-reat ta' offiza gravi u permanenti ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, l-Avukat Generali ma setghax legalment izid dan l-artikolu fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. Ghaldaqstant, il-Qorti m'hix ser tiehu konjizzjoni ta' dan l-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali fil-konsiderazzjonijiet taghha.

*Il-Meritu*

11. Fil-kaz odjern, il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti dik tal-parti offiza Patrick Rice, u t-tifel tieghu min-naha l-wahda u dik tal-imputat u tal-partner tieghu, u l-familjari taghha min-naha l-ohra. Il-Qorti tibda billi tirriferi ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2013, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[2] irriteniet hekk:

*"Jinghad fil-bidu nett li mkien fil-Ligi ma tobbliga lill-Qorti li hija tkun certa minghajr ombra ta' dubju dwar htija o meno ta' akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-Ren Divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma garax. Ghal fini ta'gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq il-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u cioe' livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza. ... ...*

*Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, adirittura impellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u r-responsabilta' taghha ghal dak ir-reat, u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari, izda jkollok diversi indizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*[3]

---

[2] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[3] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deciza fit-8 ta' Novembru 2014 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) *per* Imhallef Michael Mallia.

12. Ghal finijiet ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti ma jidhrilix li jkun opportun li hija tidhol fil-kwistjoni ta' kif u come bdiet il-glieda fizikament vjolenti bejn Patrick Rice u Clayton Cassar, u dan ghas-semplici raguni li Clayton Cassar m'huwiex imputat f'dawn il-proceduri, ghalkemm huwa xehed ukoll f'dawn il-proceduri. Ma hux kontestat bejn il-partijiet li kien hemm glieda bejn Rice u Cassar u li kienet wahda fizikament vjolenti. Il-kontestazzjoni hija li fil-waqt li Rice jghid li Cassar beda jaghtih b'lasta ta' xkupa, u huwa kien qed jilqgha d-daqqiet b'idu l-leminija, ghalkemm jammetti wkoll li ta ghall-inqas daqqa ta' ponn wahda lil Cassar, min-naha l-ohra Cassar jghid li kien Rice li l-ewwel tah daqqa ta' ponn, u baqa' jtih, u hu kien qed jiddefendi ruhu. Din il-verzjoni ta' Cassar hija korroborata bix-xhieda tal-partner tieghu Francesca Saveria Fenech Taylor, u l-familjari taghha, Jessie Fenech, Manuela Fenech, u tal-imputat fl-istqarrija li irrilaxxa lill-Pulizija.

13. Fr Anton Cassar – l-unika xhud okulari indipendenti f'dawn il-proceduri – wkoll qal li huwa u sejjer lura d-dar bil-mixi ra lil Rice u lil Cassar[4] jiggieldu fizikament. Jghid ukoll li hu ma lahaqx il-glieda mill-bidu.

14. Min-naha l-ohra, Rice xehed li waqt li Cassar kien qed jaghtih b'dak li huwa sejjah "injama", l-imputat u l-partner tieghu Manuela Fenech hargu mir-residenza taghhom jkemmuh hazin. Hu jkompli jghid hekk *"L-imputat gie minn warajja u garani sular tarag."*[5] Din il-verzjoni ta' Rice, hija korroborata mit-tifel tieghu Brandon Rice.[6]

15. Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li meta bdiet il-glieda, l-imputat kien mal-partner tieghu fil-maisonette sovrastanti dik ta' Jessie Fenech. L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri, pero irrilaxxa stqarrija, fejn ammetta li huwa nizel biex iferraqhom, u beda jimbutta lit-tnejn li huma ghal dan l-iskop.[7] Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma innegax li meta imbotta lill-imputat dan waqa' t-tarag, pero jghid li huwa imbotta lit-tnejn bl-iskop li jferridhom. Fr Anton Cassar jghid ukoll hekk *"… … lil Radley rajtu qed iferraqhom jiena bizzejjed jghidilhom u dan jigifieri daqshekk biss rajt ghax*

[4] Fix-xhieda tieghu, Fr Anton Cassar irreferi ghat-tieni persuna jista' jkun kunjomha Calleja, ghalkemm ammetta li kunjomu ma jafux.
[5] Ara fol. 31-32 tal-process.
[6] Ara fol. 49-50 tal-process.
[7] Ara fol. 5 tal-process.

*imbaghad ghaggilt kemm flaht."*[8] Ghalhekk, mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat intervjena sabiex iferraq lil Rice u Cassar.

16. Fix-xhieda tieghu Cassar jghid li wara li firidhom l-imputat *"(j)ien imbaghad dhalt gewwa fejn il-bieb ghax imbaghad kif qalghu Radley minn mieghi, Patrick imbaghad waqa'."* Hu jghid li l-imputat waqa' tlieta jew erba' targiet fit-triq, pero jghid li ma jafx kif gie.[9]

17. Fix-xhieda taghha Manuela Fenech, il-partner tal-imputat, tghid li l-imputat nizel iferraqhom.[10] Pero meta mistoqsija mill-Prosekuzzjoni x'gara minn Rice wara li l-imputat ferraqhom, hija wiegbet *"mhux telaq ... Gie t-tifel tieghu u hadu mieghu hux".*[11] Hija qalet ukoll li ma rat lil hadd jaqa'.[12] Pero sussegwentement fuq domanda diretta tad-difiza in kontro-ezami, hija qalet li qatt ma harget mill-bieb ta' barra tar-residenza taghha![13]

18. Ix-xhud Francesca Saveria Fenech Taylor, il-partner ta' Cassar xehdet ukoll li l-imputat nizel iferraq il-glieda, pero tghid li wara li qalaghhom minn ma' xulxin ma gara xejn.[14] Qalet ukoll li wara li inqalghu minn ma' xulxin, Rice telaq bil-mixi.[15]

19. Jessie Fenech ukoll xehdet li l-imputat nizel iferraq il-glieda, pero meta giet mistoqsija x'gara wara li ferraqhom hija wiegbet *"ma rajt xejn izjed".*[16]

20. Il-Qorti m'ghandhix dubbju li x-xhieda Manuela Fenech, Francesca Saveria Fenech Taylor u Jessie Fenech gidbu meta jew qalu li ma raw xejn wara li l-imputat ferraq il-glieda jew li Rice semplicement telaq bil-mixi, u fil-waqt li jghidu li kollha raw lil Rice jaghti daqqa ta' ponn lil Cassar, hadd ma ra lil Rice jaqa' t-tarag. Din ix-xhieda taghhom, mhux biss ma taqbilx mal-verzjoni ta' Rice u t-tifel tieghu, izda lanqas taqbel ma' dik li ta l-imputat fl-istqarrija tieghu, fejn ammetta li mbotta lil Rice u lil Cassar, u l-verzjoni ta' Cassar li wkoll qal li l-imputat waqa' tlett tergiet, ghalkemm stranament

[88] Fol. 145 tal-process.
[9] Ara fol. 95-96 tal-process.
[10] Ara fol. 102 tal-process.
[11] Ara fol. 103 tal-process.
[12] Ara fol. 105 tal-process.
[13] Ara fol. 107 tal-process.
[14] Ara fol. 79-80 tal-process.
[15] Ara fol. 82 tal-process.
[16] Ara fol. 88 tal-process.

ma setghax jiftakar kif gie meta waqa'. Incidentalment, la Cassar u lanqas il-qraba l-ohra ma jghidu li l-imputat imbotta f'xi hin lil Cassar, kif qal l-imputat fl-istqarrija tieghu.

21. Dan in-nuqqas tal-familjari tal-imputat li jghidu l-verita ifisser biss haga wahda – li huma jridux jghidu dak li verament ghamel l-imputat wara li huwa irnexxielu jifred lil Rice u lil Cassar minn ma xulxin. Ghaldaqstant, il-Qorti issib aktar kredibbli x-xhieda ta' Rice u tat-tifel tieghu, li l-imputat deliberatament imbotta lill-vittma t-tarag – u dan wara li ferraq lil Rice u Cassar, u mhux filwaqt li kien qed iferraqhom, kif jghid l-imputat fl-istqarrija.

22. F'dan l-incident, l-imputat sofra diversi griehi. Dr Jessica Pavia xehdet li *"l-pazjent kellu ksur fis-subgha z-zghir tal-id leminija, kellu barxa ta' erba' centimetri (4cm) fl-irkoppa x-xellugija, barxa ta' hames centimetri (5cm) fil-gwejnah tad-dahar ix-xellugi, id-difer tar-raba' subgha tal-id ix-xellugija kien maqlugh u kellu nefha ta' madwar ghaxar centimetri fl-id fil-forearm, jigifieri fil-parti ta' quddiem tal-id."*[17] Hija ma tispecifikax f'liema id kienet in-nefha.

23. Fir-rapport tieghu, Dr Mario Scerri, l-espert mediko-legali mahtur minn din il-Qorti li ezamina lil Rice fit-23 ta' Marzu 2020, qal li Rice *"spicca l-Isptar Mater Dei fejn inzamm lejl u nstab illi kellu gidma li giet trattata bl-antibiotici u bl-ATT u ATG u frattura intra-artikulari tal-base tad-distal phalanx tal-hames subgha tal-id il-leminija. Din il-lezjoni hija ta' natura gravi per durata u Patrick Rice ghadu sad-data tal-ezami jilmenta minn ugigh meta jaghlaq is-swaba', ugiegh fit-tarf tal-hames subgha tal-id il-leminija meta jaghlqu u specjalment meta tkun il-kesha."*[18]

24. Apparti l-ksur fis-subgha z-zghir tal-id il-leminija, il-feriti l-ohra huma ta' natura hafifa. Pero hawn tqum il-kwistjoni sollevata mid-difiza jekk dawn il-feriti, u partikolarment il-ksur tas-subgha, sehhewx waqt il-glieda li kien hemm bejn Rice u Cassar, jew konsegwenza tal-fatt li l-imputat imbotta lil Rice t-tarag. Inizjalment, fir-rapport tieghu lil Pulizija, Rice qal li *"ma kienx jaf min ikkagunalu l-griehi ta' natura gravi cioe il-ksur, ghax kif hawn imsemmi kemm Clayton kif ukoll Radley kienu hebbew ghalieh."*[19]

---

[17] Ara fol. 48 tal-process.
[18] Ara fol. 75-76 tal-process.
[19] Ara fol. 12 tal-process.

Pero mir-rapport jirrizulta li f'xi zmien sussegwenti, Rice qal lill-ispettur Oriana Spiteri li *"l-persuna li kien ghamillu l-griehi kien Radley Agius u dan minhabba l-fatt li dan Radley kien imbuttah it-tarag u konsegwenza ta' hekk kien kiser subajgh."*[20]

25. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalkemm il-gidma grat zgur waqt il-glieda ma' Cassar, il-griehi hfief l-ohra setghu graw fiz-zewg incidenti. Pero mill-assjem tal-provi, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li ksur tas-subgha tal-id, sehh konsegwenza tal-fatt li Rice tgerbeb it-tarag tat-triq wara li imbuttah deliberatament l-imputat. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni stante li jirrizulta li Rice ma waqax tlieta jew erba' targiet kif jghid Cassar, izda t-tarag kollu. Fil-fatt Rice jghid li hu storda wara l-waqgha, u kellhom jerfghuh il-Pulizija sal-ambulanza.[21] Brandon Rice jghid li dak il-hin missieru kellu hass hazin fuqu u kien mugugh.[22] Fir-rapport tal-Pulizija jinghad li meta waslu fuq il-post ftit minuti wara l-akkadut, Rice kien qieghed taht xokk kbir u fuq il-post giet imsejha l-ambulanza u tiehed gewwa l-isptar Mater Dei.[23] Kif jirrizulta anke mir-rapport ta' Dr Mario Scerri huwa inzamm lejl l-isptar.

26. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti qed issib lill-imputat hati li ikkaguna ferita ta' natura gravi lil Patrick Rice.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

27. Fir-rigward tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat m'ghandux fedina penali raffrettarja, b'kundanna wahda ghal serqa ta' vettura.

28. Pero, il-kaz odjern huwa kaz ta' vjolenza fizika fuq persuna privata, fejn gew kagunati feriti ta' natura gravi. Huwa vera li dan gara wara li l-imputat ferraq lill-imputat u lil Cassar li kellhom glieda fizika bejniethom. Pero, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi koncess li kien Rice li beda jew ipprovoka l-glieda ma' Cassar – fatt negat kategorikament minn Rice - certament ma jirrizulta minn imkien li l-imputat b'xi mod ipprovoka lill-imputat. Ghaldaqstant, l-imputat ma kellu l-ebda raguni valida fil-ligi

[20] Ara fol. 13 tal-process.
[21] Ara fol. 32 tal-process.
[22] Ara fol 51 tal-process.
[23] Ara fol. 10 tal-process.

sabiex wara li ferraq lil Rice u lil Cassar, jipprocedi billi ghal xejn b'xejn jimbotta lil Rice it-tarag tat-triq.

29. In oltre mix-xhieda ta' Brandon Pace jirrizulta li meta hu mar biex jigbor lil missieru u cempel il-Pulizija, l-imputat baqa' jghajjat, jghid kliem hazin, joffendieh u jheddu. Ix-xhud qal hekk *"U ma nafx jekk nistax nitkellem hazin imma qalli, ha naghmilha bil-pulit, ma jinteressahx mill-pulizija lanqas jekk jitla' l-korp kollu hadd ma jista' jmissu."*[24] Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta.

30. Mix-xhieda ta' l-espert Dottor Mario Scerri jirrizulta li Rice kien ghadu mugugh fiz-zmien tal-ezami mediko-legali li sar tminn (8) xhur wara l-incident. Fil-fatt huwa xehed ukoll li dan l-ugiegh hu normali u li Rice kien se jibqa' jhossu ghal tul ta' zmien meta tkun il-kesha.[25]

31. Din il-Qorti hija tal-opinjoni li fil-kaz odjern japplika l-insenjamet tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[26] fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi**, deciza fit-30 ta' Lulju 2004:

*"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirriprestinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventerat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika."* (ara fl-istess sens **Il-Pulizija vs Peter Camilleri et** deciza fid-29 ta' Jannar 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri).[27]

## Konkluzjoni

32. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta u tiddiciedi billi:

---

[24] Ara fol. 50 tal-process.
[25] Ara fol 67 tal-process.
[26] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.
[27] *Per* Imhallef Michael Mallia.

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-Artikolu 218(1)(a)(b) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, elenkat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-13 ta' Novembru 2020;

2. Wara li rat l-Artikoli tal-ligi elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-13 ta' Novembru 2020, issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fl-Artikolu 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(c) u (2) tal-Kapitolu 9, u ghalhekk qed tilliberah minnhom, izda issibu hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 214, 215 u 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sentejn (2).

3. In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar (1) minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

4. Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Patrick Rice. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

5. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Oriana Spiteri)**

**vs**

**Radley Agius**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

Peress li fl-opinjoni taghha, jidhrilha li Clayton Cassar, Francesca Saveria Fenech Taylor, Jessie Fenech u Manuela Fenech, meta xehdu quddiem din il-Qorti, ma qalux il-verita, tordna li kopja tas-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija illum stess minn din il-Qorti tingieb a konjizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, biex wara d-debita investigazzjoni okkorendo, jibda proceduri kontra dawn l-erba' (4) persuni talli iddeponew il-falz f'din il-kawza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**